MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 32/2013

**Il-Qorti**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur ipprezentat fil-11 ta' Frar 2013 li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-attur kellu relazzjoni mal-konvenuta C-D E li matulha tnissel u twieled barra miz-zwieg il-minuri F fis-6 ta' Lulju 2012;

Illi l-attur gharaf lill-minuri F bhala ibnu fl-Att tat-Twelid peress li l-konvenuta taghtu x'jifhem li huwa kien il-missier naturali ta' l-istess minuri;

Illi ricentement inkixef ingann u qerq minn naha tal-konvenuta peress li l-attur sar konsapevoli, anke wara t-twettiq ta' ezaminjiet xjentifici ta' paternita', li huwa m'huwiex il-missier naturali tal-minuri F;

Illi b'konsegwenza ta' dan il-qerq tal-konvenuta, l-attur jidher bhala missier il-minuri F B fuq l-Att tat-Twelid tieghu, u dan minkejja l-fatt li huwa mhux il-missier naturali ta' l-istess minuri;

Illi ghalhekk l-attur ghandu kull interess li jressaq din l-istanza sabiex l-Att tat-Twelid tal-minuri F B jigi korrett billi minnu titnehha kull referenza ghall-attur bhala missier it-tarbija.

Ghaldaqstant talab lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddeciedi u tiddikjara li l-attur m'huwiex il-missier naturali tal-minuri F B;

2. tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri F B, liema Att ghandu n-numru 3298/2012, kull referenza ghall-attur, senjatament izda mhux biss ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier l-attur u jekk l-istess missier ta' l-attur huwiex haj jew mejjet, l-eta' ta' l-attur u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghall-attur u li jidher mill-Att tat-Twelid citat,u dan prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment iehor li lilha jidhrulha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li huma ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda pprezentata mill-attur u l-elenku tad-dokumenti;

Rat ir-rikors u d-digriet taghha datat 10 ta' April, 2013 fejn l-Avukat Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busutill gew nominati kuraturi biex jirraprezentaw lil minuri F B ghall-finijiet kollha tal-ligi[1];

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta[2] C-D E fejn esponiet li ghalkemm kienet hasbet li l-attur kien il-missier naturali tal-minuri F B peress li kellhom relazzjoni ta' natura serja, ikkonfermat li dan ma kienx minnhu u G H

---

[1] folio 7
[2] folio 20

huwa l-missier bijologiku tal-minuri F B u dan kif jirrizulta mit-testijiet tad-DNA;

Illi ghaldaqstant l-indikazzjoni ta' A B bhala l-missier tal-minuri F B fl-Att tat-Twelid hija zbaljata u dan l-izball sar daparti ta' C-D E, minhabba li kellha relazzjoni stabbli ma' A B.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta u l-elenku tad-dokumenti;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta fejn talbet li din il-Qorti sabiex:

1. tiddeciedi u tiddikjara li G H hu l-missier naturali tal-minuri F B;

2. tordna lill-konvenut Direttur Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri F B bin-numru 3298/2012 kull riferenza ghall-attur u kwalsijasi taghrif iehor dwaru konness mall-allegata paternita' tieghu u minflok jitnizzel isem il-kjamat in kawza G H u d-dettalji relattivi tieghu konnessi mall-paternita tieghu;

3. tordna kull provvediment iehor li jidrilha xierqa u opportuni;

Rat ir-risposta gurmantata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku[3] li permezz taghha ssottometta:

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi, l-esponenti jistieden lir-rikorrenti A B sabiex jissottometti ir-rizultati ta' l-ezamijiet xjentifici imsemmija fir-rikors promutur debitament gurmentati lil din l-Onorabli Qorti. Fl-eventwalita' li r-rikorrent ma jipprezentax it-

[3] folio 35

testijiet hawn imsemmija, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernnati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, jekk jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri F B, illi l-intimata C-D E tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Di fatti huwa opportun u xieraq li l-minuri F B, tal-inqas ghandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tieghu;

4. Illi bla pregeduzzju ghas-suespost, il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandhu jassumi l-minuri F B a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li tintlaqa' it-tielet eccezzjoni ta' l-esponent, l-esponent jinvita lill-missier naturali tal-minuri F B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita', (3) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri F B, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel F B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-fuq riferit F B bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 3298 ta' l-2012;

6. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwidi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-rikors tal-konvenuta u d-digriet taghha datat 23 ta' April 2013[4] fejn ordnat li jigi kjamat in kawza G H.

Rat l-affidavits ezebiti mill-attur;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Tar-Registru Pubbliku tas-26 ta' Gunju 2013[5] ghal kontro-talba tal-konvenuta C-D E li permezz taghha ssottometta:

1. Illi hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fil-kontro-talba tal-konvenuta C-D E u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri F B a tenur tal-artikolu 92 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tal-konvenuta C D E, l-esponent jistieden lil G H sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) id-dokument tal-identita', (2) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri F B, (3) il-post tat-twelid tieghu, (4) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (5) isem u kunjom ta' missieru u (6) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel F B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit F B bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 3298/2012;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent m'ghandux jigi allokat l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, stante, l-fatt li kienu C-D E u A B stess li kkonfermaw, permezz tad-dikjarazzjoni li ghamlu fl-Att tat-Twelid tal-

[4] folio 41
[5] folio 57

minuri F B illi missier l-istess minuri hu l-attur A B. Hija il-prasso tar-Registru Pubbliku illi d-dettalji li jkunu ser jigu registrati fl-Att tat-Twelid jigu konfermati mill-genituri tat-tarbija fir-rigward tal-korrettezza tad-dettalji fl-istess Att. Fl-Att tat-Twelid li qed jigi hawn ipprezentat jidher b'mod car li kemm C-D E, kif ukoll A B ghamlu d-dikjarazzjoni u ffirmaw ghall-korrettezza tad-dettalji prezenti fl-Att. Inoltre dan l-istat ta' fatt gie ukoll ammess mill-istess C-D E fil-punt numru 5 tal-kontro-talba taghha. Ghalhekk isegwi li ladarba d-dettalji erronji gew dikjarati mill-partijiet stess, l-esponent m'ghandux jigi assoggettat ghall-ebda spejjez relatati ma din il-kawza.

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjes tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti li qieghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tad-direttur u l-elenku tad-dokumenti;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA ipprezentat mill-ispizjara Dottoressa Marisa Cassar li iccertifika illi l-konvenut G H huwa effettivament missier il-minuri F H[6];

Semghet ix-xhieda viva voce;

Rat illi fis-seduta tal-2 ta' Ottubru. 2013 l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha inkluzi l-affidavits;

Ikkunsidrat:

---

[6] folio 62

## L-Azzjoni

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel F li twieled fis-6 ta' Lulju 2012 u li tieghu huwa assuma l-paternita' fl-att tat-twelid tieghu bin-numru 3298/2012, ma hux iben l-attur.

Illi permezz tal-kontro-talba minnha pprezentata il-konvenuta C-D E qed titlob li l-Qorti tiddikjara li l-missier bijologiku tal-minuri F huwa l-kjamat in kawza G H u mhux l-attur.

## Provi

Jirrizulta mill-provi illi l-attur kellu relazzjoni serja mal-konvenuta C-D E li matulha tnissel u twieled barra miz-zwieg il-minuri F fis-6 ta' Lulju 2012 u peress li l-konvenuta taghtu x'jifhem li huwa kien il-missier naturali ta' l-istess minuri, l-attur gharaf lill-minuri F bhala ibnu. B'hekk isem l-attur gie inserit fl-att tat-twelid tal-minuri F. Sussegwentement l-attur sar konsapevoli li huwa m'huwiex il-missier naturali tal-minuri F u dan ukoll gie kkonfermat wara t-twettiq ta' ezaminjiet xjentifici ta' paternita'.[7] Fit-2 ta' Ottubru 2013 Dottoressa Marisa Cassar tat ix-xhieda taghha u kkonfermat li kienet hi li ghamlet u kkonkludiet il-'Paternity Test Report' li gie pprezentat u li jiccertifika li l-probabilita' li l-kjamat in kawza G H huwa l-missier naturali tal-minuri F hi ta' 99.9999%

## Konsiderazzjonijiet

Permezz tal-kawza ipprezentata mill-attur u l-kontro-talba ipprezentata mill-konvenuta l-Qorti ghandha quddiemha zewg talbiet fir-rigward tal-istess minuri. L-ewwel wahda hi kawza ta' *denegata paternita'* fejn l-attur qed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-attur ma hux missier il-minuri. It-tieni wahda hija kawza ta' filjazzjoni fis-sens li l-konvenuta C D E qed titlob li l-kjamat in kawza G H jigi dikjarat bhala missier il-minuri.

[7] folio 22

L-azzjoni ta' denegata paternita' ta' wild imwieled barra z-zwieg bhal dik istitwita mill-attur ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-**artikolu 99 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:-

"*L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess.*"

**Artikolu 100A** imbaghad jipprovdi illi f'kawzi ta' din ix-xorta l-Qorti ghandha s-setgha li tezigi li jsiru testijiet genitici bhala prova.

L-azzjoni ta' filjazzjoni istitwita mill-konvenuta permezz tat-talba rikonvenzjonali taghha ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-**artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:-

*"It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it- tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:*

*Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat civili relattivi:*

*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*"

Mit-testijiet genetici kondotti minn Dr. Marisa Cassar jirrizulta s-segwenti:-

(1) Illi l-attur ma hux missier il-minuri F liema prova tirrizulta mid-DNA Test Report ezebit a fol. 22 tal-process fejn Dr. Cassar ticcertifika li l-paternita' tal-attur hija assolutament eskluza;

(2) Illi l-kjamat in kawza G H huwa l-missier bijologiku tal-minuri F liema prova tirrizulta mid-DNA test report ezebit a fol. 62 tal-process fejn Dr Cassar ticcertifika li l-probabilta' li G H huwa missier il-minuri F hija ta' 99.9999%.

Dawn ir-rizultanzi gew konfermati minn Dr Marisa Cassar waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2013.

Ir-rizultati xjentifici huma konferma wkoll tal-istat li l-minuri jhaddan in kwantu l-istess kjamat fil-kawza u l-konvenuta jixhdu illi huma flimkien qed irabbu lil binhom F u dan minn meta F kellu sitt xhur.[8]

Gie ghalhekk sodisfacentement ippruvat illi l-minuri F huwa iben il-kjamat in kawza u mhux iben l-attur.

Ghalhekk sew it-talbiet attrici kif ukoll it-talbiet rikonvenzjonali ser jigu akkolti.

**Decide**

[8] Ara xhieda tal-kjamat in kawza a fol. 68

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa’ t-talbiet attrici, tiddikjara li l-attur m'huwiex il-missier naturali tal-minuri F u tordna li isem l-attur u l-konnotati kollha tieghu jigu kancellati mill-att tat-twelid tal-minuri F.

2. Tilqa’ t-talbiet rikonvenzjonali u tordna li fl-att tat-twelid tal-minuri F jigi inserit bhala l-missier isem il-kjamat in kawza G H bil-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw mill-atti. Il-minuri ghandu jkun maghruf bil-kunjom H.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta C-D E u l-kjamat in kawza G H in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------